KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 30**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar l-Erbgħa 12 ta' Ottubru, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**30.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

30.01.01 Cynthia Tommasuolo – Kunsillier / Carmen Borg – Kunsillier

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**30.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

30.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 29 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**30.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-iskema ta' r-restawr ta' l-faċċata fi' Triq il-Kbira, San Ġużepp, li maħruġa mil-gvern issa hija wkoll disponibli għal ħwienet ukoll.

30.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li beda ir-restawr fuq il-monument ta' Anton Buttigieg min Heritage Malta.

30.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa lil Kunsill li jiġi mqabbad tabib biex jintbgħat lil ħaddiema meta dawn jieħdu is-sick. Kunsil lqabel unanimament.

30.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** inotta li kellna bosta tifħir dwar Jum il-Ħamrun. Kunsill qabel unanimament li kien suċess.

30.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li fl-20 ta' Ottubru sa' ssir laqgħa għal anzjani biex jiġu informati bis-servizzi offruti mil-gvern.

30.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-applikazzjoni għad devoluzzjoni ta' x-xelter u dik biex issir l-sitatwa ta' San Geatano waslu għand l-awtoritajiet ta' l-artijiet u irridu nistenew.

30.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li qed nistenew mil-perit dwar il-ħanut fi' triq il-kbira filwaqt li issuġerixxa li napplikaw għar-restawr ta' l-faċatta bl-iskema ta' l-gvern. Kunsill qabel unanimament.

30.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li sa' jkun hawn "Cake Sale" għat tfal ta' l-Uganda fis-sala ta' l-kunsill fil-5 ta' Diċembru.

30.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li qed issir riċerka ta' l-prezzijiet dwar il-kameras li ħa jkunu instalatti fi' triq il-kbira l-Ħamrun.

30.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-tabella antika fi' triq il-Ferrovija tlestit mir-restawr.

30.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-proġett ta' l-Metro jinkludi waqfa fi' pjazza San Pawl. Huwa issuġerixxa li niproponu li din issir flok il-fetħa ta' l-fabrika ta' l-ħalib. Kunsill qabel unanimament.

30.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** propona lil Kunsill li issir renovar ta' s-sala ta' isfel ta' l-kunsill. Kunsill qabel unanimament.

## 30.04 Ħaddiema Uffiċju

30.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li min l-iskema ta' CIESW intgħażlu żewġ impjegati addatati u issuġerixxa li nimpjegawom mil-iktar fiss possibli. Il-Kunsill qabel unanimament.

30.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li inħargu it-twissijiet (warnings) lil ħaddiema u dawn talbu li jappelawħ. Għaldaqstant il-kunsill ideċieda li jintaqa' magħhom fl-20 ta' Ottubru, 2021

## 30.05 Milied fil-Ħamrun

30.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li nġabru il-kwotazjonijiet għat-tiżjien fil-Ħamrun. Kunsll qabel unanimament li nużaw il-kumpanija bl-irħas prezz.

30.05.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-presepju mhux ħa jiġi armat fi' Pjazza San Pawl, u talab min għandu xi' suġġeriment jresqu quddiem il-kunsill. Huwa qal ukoll li individwu aviċinana lil jixtieq jorganizza villaġ ta' l-Milied, huwa ġgandu jressaq proposta iktar dettaljata.

30.05.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ġejna mistiedna biex ningħaqdu ma' kunsilli oħra biex issir attivita' flimkien fil-Marsa. Huwa qal li l-Ħamrun sa' jkollu trasport dirett għal attivita' filwaqt li sa' jkun hemm parata b'xi karrijeit fi' Triq Il-Kbira. Huwa qal li l-baned jingħataw xi' fondi biex jipparteċipaw filwaqt li l-kunsill mhux obligat joħrog fondi. Kunsill qabel unanimament li naċettaw il-proposta.

30.05.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li din is-sena huwa l-anniversarju ta' mitt sena ta' l-ewwel purċissjoni bil-bambin. Huwa issuġerixxa li issir xi' ħaġa biex infakru dan l-avvniment. Kunsill qabel li terġ tiġi diskussa.

## 30.06 Proġetti fil-Ħamrun

30.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li il-perit qed jara x'hemm bżonn biex jibda it-tisbiħ ta' triq Qrejten. Il-Kunsillier Vincent Bonello qal li importanti niranġaw il-bankina ta' n-naħa ta' l-iskola.

30.06.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li saret il-laqgħha ma' Wasteserve dwar il-proġett ta' Pjazza 7 ta' Ġunju. Huwa qal li informawna li;

- Il-Palm li tneħew sa' jerġghu jeħlu posthom
- Mhux ħa jintilef parkeġġ
- Struttura ħa tiġi lesta u sa' tkun low maintenance.
- Li sa' jaaraw li ma' tintilifx il-privatezza ta' n-nies kemm jista jkun possibli.

Huwa qal ukoll li irimarkajnilom kemm il-darba li mhux ġust li ma' saritx konsultazzjoni ma' l-kunsill u residenti. Huwa qal li dawn ammetew li żbaljaw u skużaw ruħom iktar min darba.

30.06.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li fejn ġej il-proġett ta' l-Bandli hemm bżonn li issir trinka minħabba Enemalta. Huwa qal ukoll li daqt joħroġ tender ta' l-Bandli.

30.06.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill ġejna informati min Infrstructure Malta li għandhom jibdew it-tisbieġ ta' Triq Qormi.

## 30.07 Tenders

30.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-tenders għal-proġett ta' restawr ta' l-binja fejn kienet il-ferrovija ġie aġudikat u beda il-proċess biex issir il-kuntratt. Huwa qal li hemm bżonn issir l-evalwazzjoni ta' t-Tender ta l-Pavimentar u issuġerixxa li l-board ikun kompost min Daniel Bugeja bħala Chairman u Tiziana Bajada bħala Segreatrja, filwaqt li l-voting members ikunu Christian Sammut, Efrem Buttigieg u Adrian Mifsud. Huwa issuġerixxa wkoll li jekk ikun hemm bżonn il-kunsill joħroġ it-tender jekk ma' jkunx hemm min hu elleġibli. Il-Kunsill qabel unanimament miegħu.

30.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li għal ġnien fuq il-Liċeo applikaw 3 kuntratturi iżda l-board qal li dawn ma kienux eleġibli. Huwa issuġerixxa li jerġa joħroġ it-tender u jiġi evalwat bl-istess board. Kunsill qabel unanimament.

30.07.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-kuntrattur ta' ġbir ta' skart informana li jridt jieqaf. Huwa issuġerixxa li jinħareġ tender għal kuntratt ta' sena minħabba li sippost il-ġbir ħa jibda jiġi ikorrdinat mir-reġjun. Huwa issuġerixxa wkoll li naġġmlu talba biex il-ġbir jibda jsir mit-8:00 ta' filoghdu flok fil-11:00. Kunsil lqabel unanimament.

**30.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

30.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2021.

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** issekonda il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**30.09 Ħwejjeġ Oħra**

30.09.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** talab biex jiżdid id-dawl fi' triq il-Kbira min Triq Sciberras sa' Blata l-Bajda. Kunsill qabel li tigi diskussa ma' persuna esperta biex naraw il-possibiltajiet kollha.

30.09.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** talab biex issir tiswija ta' kurduna fi' triq il-kbira. Huwa ġie informat li din ħa issir mil-kuntratur.

30.09.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** saqsa meta ha issir il-vetrina ta' rikordji. Huwa ġie informat li din qeda fil-ħsieb hekk kif forsi jsir tisbiħ fil-kunsill

30.09.04 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** informa lil kunsill li ġie mitlub li Hamrun Spartans jużaw is-sala ta' l-kunsill f'Novembru ( 8, 11, 15, 18) bejn il-5:30 u it-8:00 ta' filghaxija minħabba kors. Kunsill qabel unanimament.

**30.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

30.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 10 ta' Novmbru, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 10 ta' Novembru, 2021

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv